# DEĊIŻJONIJIET TAL-QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI, 1974
## APPELLI SUPERJURI

*Seduta tat-28 ta' Jannar, 1974.*

**No. 1 Reġina vs Emanuel Xerri**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tas-7 ta' Diċembru, 1972, Xerri ġie misjub ħati li fil-lejl bejn l-1 u t-2 ta' April, 1971 seraq min-National Bank of Malta tal-Furjana somma ta' flus ta' aktar minn ħames mitt lira, liema serq kien kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

L-appellant sostna li l-unika prova kontra tiegħu hi kostitwita mill-ftaħir fieragħ tiegħu stess ma' nies oħra li hu seraq l-imsemmi Bank. Ġie wkoll sottomess illi l-konfessjoni stragudizzjali ta' l-appellant ma kenitx volontarja għax huwa "pathological liar".

Il-Qorti wriet ruħha soddisfatta li dak li ddikjara l-appellant ma' xi xhieda jinkludi dettalji importanti ta' kif saret is-serqa, u dawn jikkorrispondu sew ma' dak li fil-fatt irriżulta li ġara. Għalhekk mhux kompitu tal-Qorti li tindaħal fil-gosti ta' l-appellant li issa qed jogħġbu jikkanonizza ruħu bħala giddieb.

Għall-motivi premessi, il-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tal-11 ta' Frar, 1974.*

**No. 2 Reġina vs Nikola Bonnici**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-24 ta' Jannar, 1974, Bonnici instab ħati ta' serq kwalifikat bil-valur, ta' ħwejjeġ li jiswew aktar minn ħamsin lira u mhux aktar minn ħames mitt lira. Il-Qorti kkundannatu għal piena tal-lavuri forzati għal żmien ħames xhur u għall-ħlas tal-perizja, u ordnatu jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba l-ksur ta' żewġ ordnijiet għal "conditional discharge" (wara li f'kull każ kien instab ħati ta' serq).

*Din ir-takkolta hija miġbura minn Tonio Azzopardi, A.A. Mizzi, Tonio Farrugia, Joseph Sciriha u Robert Tufigno, bl-għajnuna ta' Dr. Joe Brincat B.A.(Lond.), B.Sc.(Econ.)(Lond.), LL.D., M.P.

L-appell kien limitat biss għall-piena, in kwantu s-serq sar meta l-appellant kien disokkupat, fil-waqt li wara sab xogħol u b'hekk is-soċjetà reġgħet rebħitu.

Il-Qorti sostniet li bl-imġieba ripetuta tiegħu l-appellant ovvjament wera disprezz għat-trattament già lilu riżervat mill-Qrati u għall-indulġenza tagħhom. Peress li l-Ewwel Qorti f'dan il-każ kienet applikat il-"bare minimum" tal-piena prevista mill-liġi, il-Qorti kienet ta' fehma li l-appellant kien ġa oġġett ta' klemenza anki eċċessiva u l-piena ta' ħabs hija fil-fatt indikata sew fl-interess tiegħu nnifsu kif ukoll dak tal-pubbliku in ġenerali.

Għall-motivi premessi il-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tas-27 ta' Frar, 1974.*

**No. 3 Reġina vs Carmelo Schembri**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina ta' l-14 ta' Novembru, 1973, l-imsemmi Schembri kien ġie misjub ħati, skond l-ewwel kap ta' truffa kontinwata ta' mhux aktar minn £500, skond it-tielet kap ta' attentat vjolenti għall-pudur, f'liema esekuzzjoni tad-delitt huwa ġie mgħejjun minn persuna oħra (art. 222 u 216 (d) Kod. Krim.), u skond is-seba' kap talli ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport li huwa kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih. Huwa ġie kkundannat għal piena ta' tmien xhur u għaxart ijiem lavuri forzati, u appella lil din il-Qorti sew kontra dan il-verdett, kemm dwar il-piena.

Il-fatti kienu li l-appellant u ċertu Walter Muscat (koakkużat miegħu), ġiebu avviżi fil-ġurnali biex jintbgħatulhom applikazzjonijiet għal taparsi impieg ma' kumpannija ineżiżtenti. Muscat kien ippoża ta' direttur u l-appellant ippoża ta' tabib u flimkien waqfu klinika provviżorja f'Birkirkara. Żewġ xebbiet applikaw u ħallsu lira kull waħda. Waħda minnhom intbagħtet fil-klinika bil-'call card' mill-imsemmi Muscat fejn ġiet anke sottoposta għal eżami mediku mill-appellant. Fuq oġġezzjoni dwar il-kwalifika medika tiegħu, l-appellant uriha passaport iffalsifikat li juri li kien tabib.

Kwantu għall-verdett, ġiet ikkontestata d-dikjarazzjoni ta' ħtija taħt it-tielet u s-seba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuża.

Dwar l-attentat vjolenti għall-pudur, l-appellant ikkontenda li hu nstab ħati ħażin fuq il-fatti għax ma kienx hemm l-aggravanti murija fl-art. 216 (d) tal-Kod. Krim. ta' "meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jiġi mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed". L-appellant issottometta li r-referenza għall-għajnuna mhux rapportabbli għall-kompliċità iżda għandha tittieħed fis-sens ta' dak li jingħad fl-Artikolu 275 (b) li jikkontempla l-aggravanti tal-vjolenza fis-serq

meta l-ħallelin "jipprezentaw ruħhom iżjed minn tnejn". Il-Qorti sostniet li l-formula tal-art. 216 (d) tinftiehem skond dak li l-kliem tagħha stess jimposta, cioè li l-għajnuna tista' tingħata anke minn kompliċi iżda trid tingħata fl-esekuzzjoni tad-delitt.

Fil-każ in eżami, dwar Muscat kien hemm fil-fatt kompliċità fis-sens ta' l-art. 43(d)(e), iżda ma kienx hemm għajnuna fl-esekuzzjoni tad-delitt ta' attentat vjolenti għall-pudur, għall-finijiet tal-art. 216 (d) ta' l-istess Kodiċi Kriminali.

Dwar is-seba' kap tal-Att ta' Akkuża, l-appellant issottometta li kien hemm interpretazzjoni ħażina tal-liġi, in kwantu, la darba l-passaport kien skadut, l-Imħallef ta' l-Ewwel Qorti ma setax jidderiġi l-ġurati fis-sens li xorta kien passaport għal finijiet ta' l-akkuża. Il-Qorti kienet ukoll tal-fehma li la ma ġietx uffiċjalment kanċellat, passaport skadut, għal dik li hija data, xorta jibqa' passaport, dokument uffiċjali importanti u f'dan il-kontest il-liġi ma tiddistingwix.

Kwantu għall-piena, il-Qorti qalet li l-imġieba ta' l-appellant f'dal-każ ma tissuġġerix mitigazzjoni ħlief li jiġi eskluż l-aggravant ta' l-art. 216(d).

Il-piena għalhekk ġiet ridotta għal seba' xhur u ħmistax il-ġurnata lavuri forzati.

*Seduta tas-27 ta' Frar, 1974.*

**No. 4 Reġina vs Walter Muscat**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-13 ta' Novembru, 1973, Walter Muscat ġie misjub ħati ta' truffa kontinwata ta' mhux aktar minn £M5 u akkuża oħra ta' kompliċità f'attentat vjolenti għall-pudur ta' xebba, u ta' dan weħel sitt xhur u għaxart ijiem lavuri forzati. (Dwar il-fatti tal-każ ara l-appell Maestà Tagħha r-Reġina vs Carmelo Schembri – koakkużat).

L-appellant issottometta li kien hemm element wieħed nieqes għall-konfigurabilità tar-reat taħt l-artikolu 322 tal-Kod. Krim., cioè li ma sar ebda qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor għax il-lira li tħalliet fuq kull suppost kuntratt setgħet tittieħed lura. Il-Qorti sostniet li dan l-ilment kien infondat.

L-appellant issottometta wkoll li kien hemm nuqqas fl-indirizz għax ma ssemmiex il-prinċipju li l-atti tal-kompliċi iridu jkunu effiċjenti. Huwa veru li l-Qorti ma ttrattenitx ruħha fid-dettal fuq l-effiċjenza tal-atti, iżda rriżulta li hija saħqet fuq il-fatt li trid tiġi attwalment u xjentement mogħtija għajnuna biex jitwettaq id-delitt. Dwar il-kompliċità jew le ta' l-appellant fl-attentat vjolenti għall-pudur fuq xebba, il-Qorti sostniet li f'dik l-intrapriża komuni l-ap-

pellant kien mifticħem li kellhom isiru eżamijiet mediċi minn sieħbu li kellu jippoża ta' tabib. Għad li l-appellant ma attendiex attwalment għall-eżami mediku fil-kamra fejn kien qed isir, kien żgur preżenti x'imkien fid-dar għax wara l-eżami l-appellant u sieħbu tkellmu quddiem ix-xebba dwar il-ħlas ta' l-imsemmija lira.

Il-Qorti wriet ruħha sodisfatta li fil-kompless il-ġurati kellhom biżżejjed provi biex jiġġustifikawhom jaslu għall-konklużżjoni li għaliha waslu.

Kwantu għall-appell dwar il-piena l-Qorti qalet li d-delitti in kwistjoni ma jimmeritawx indulġenza ulterjuri.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tat-22 ta' Marzu, 1974.*

## No. 5 Il-Maesta Tagħha r-Reġina vs Carmelo Buhagiar

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tas-6 ta' Novembru, 1973, l-imsemmi Buhagiar ġie kkundannat għal sena lavori forzati u għal multa ta' £M10, talli nstab ħati ta' offiża volontarja fuq il-persuna ta' natura ħafifa fuq l-ewwel kap, talli attakka u għamel resistenza bi vjolenza u b'hekk ta' natura li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi u ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti b'dan li dawn l-attakk u resistenza saru minn tlieta min-nies jew aktar fuq it-tieni kap, u talli qal kliem fahxi konsistenti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa fil-pubbliku fuq ir-raba' kap u fuq an-missjoni tar-riċediva kif dedotta fl-istess Att ta' Akkuża.

Dan l-appell (li ma rrigwardax ir-raba' kap) kien sew mill-verdett kemm mill-piena. Rigward il-verdett, l-appellant sostna li hu nstab ħati ħażin fuq il-fatti in kwantu li (a) dwar l-ewwel kap, kellha tingħatalu l-iskużanti tal-provokazzjoni u (b) dwar it-tieni kap, il-fatti fil-fehma tal-istess appellant kienu aktar konsistenti mad-disposizzjoni ta' l-artikolu 94 milli ma' dik tal-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. L-appell kien limitat għall-punt li huwa kien instab ħati ħażin fuq il-fatti f'dan is-sens biss, jiġifieri li l-fatti riżultanti kienu jiġġustifikaw dikjarazzjoni ta' ħtija imma "f'doża anqas" u ma sar ebda ilment riferibilment għall-indirizz jew mod ieħor.

Kwantu għall-aggravju dwar l-ewwel kap, il-Qorti sostniet li l-ġurati kienu ampjament ġustifikati li jaslu għall-konklużżjoni li għaliha waslu.

Kwantu għall-aggravju dwar it-tieni kap, il-Qorti kienet sodisfatta hawn ukoll li l-ġurati kienu ampjament ġustifikati. L-appel-

lant issottometta li l-fatt li huwa ma aċċettax li jiġi arrestat mhuwiex attakk u resistenza, u li ma kienx hemm vjolenza. L-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, li taħtu l-appellant instab ħati, ma jsemmix biss vjolenza imma anke, alternattivament, "vie di fatto". Huwa veru li l-fatt biss li wieħed ma jaċċettax li jiġi arrestat fis-sens ta' resistenza passiva għall-arrest mhux bizzejjed għall-esistenza ta' dan id-delitt, iżda fil-każ in kwistjoni id-dispostament ta' l-appellant mhux biss kien aggressiv ħafna, iżda akkompanjat ukoll minn "vie di fatto" kontra l-Pulizija u mill-intenzjoni meħtieġa biex jiġi effettivament integrat id-delitt dedott.

Kwantu għall-piena, il-fedina penali esibita turi fuq l-erbgħin kundanna ta' varjetà liema bħala, li juru fl-appellant tendenza antisoċjali u perikolożità hekk markati li l-Qorti taħseb li l-piena inflitta kienet fiċ-ċirkostanzi, mill-aktar miti.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tat-22 ta' Marzu, 1974.*

**No. 6 Il-Maesta Tagħha r-Reġina vs Anthony Peregin**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tas-7 ta' Frar, 1974, Anthony Peregrin ġie kkundannat għall-piena tal-lavori forzati għal żmien sentejn, talli b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti b'effett ta' riżoluzzjoni waħda u bi ksur ta' l-istess disposizzjoni tal-liġi, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor ħajjar għall-prostituzzjoni persuna ta' taħt l-età u inċita l-korruzzjoni tagħha u għen u ffaċilita din il-prostituzzjoni u korruzzjoni. Id-delitt għamlu bħala drawwa u bi ħsieb ta' qliegħ.

L-appell kien limitat biss għall-piena. L-appellant issottometta li dan il-każ kien biss għall-perijodu ta' xi sitt ijiem u li għal-daqstant il-piena inflitta kienet verament ħarxa, u ġie suġġerit li jitqiegħed taħt "probation". Barra minn dan, it-tfajla kkonċernata kienet diġà f'din il-ħajja qabel u kienet qed tiġġerra minn post għal ieħor ma' l-Għarab.

Il-Qorti però ma qablitx ma' l-idea tal-"probation". L-istess tfajla xehdet bil-ġurament li l-appellant kienet ilha tafu xi sena u tul din is-sena hu laqqagħha diversi drabi ma' rġiel biex ikollha x'taqsam magħhom, dak li hi kienet tagħmel; ta' dan hu kien jitħallas.

L-ewwel Qorti applikat il-minimum preċiż tal-piena. Il-Qorti ma laqgħetx it-talba sabiex l-appellant jitqiegħed taħt "probation" peress li mhux wisq qabel (fid-29 ta' Marzu, 1971) huwa kien già, fuq akkuża ta' serq, ġie liberat taħt il-provvedimenti tal-art. 9 tal-Att Nru. XII tal-1957. Peress ukoll li d-delitt in kwistjoni kien dak

ta' delitt hekk moqżież ta' lenoċinju, kif aggravat, il-Qorti ħasbet li ma kienx il-każ li l-piena inflitta tiġi disturbata.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tal-1 ta' April, 1974.*

## No. 7 Reġina vs Daniel Muscat u Emanuel Zammit

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tad-19 ta' Jannar, 1974, l-imsemmi Daniel Muscat instab ħati skond l-akkuża li fis-7 ta' Frar, 1972 ikkommetta (flimkien ma' Thomas Moran) serq kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok ta' oġġetti, inklużi flus, li jiswew aktar minn £M500 għad-dannu ta' Pawlu u Fawstina miżżewġin Bartolo, u l-imsemmi Emanuel Zammit ħati ta' komplicità fl-istess serq, jiġifieri talli b'kull mod li jkun xjentement għen u assista lill-awturi tas-serq fl-attijiet li bihom is-serq ġie ppreparat u kkunsmat, ta struzzjonijiet biex is-serq isir, saħħaħ il-volontà tagħhom sabiex jagħmlu d-delitt u wegħedhom li wara l-fatt jassistihom u jieqaf magħhom. Muscat ġie kkundannat għall-piena tal-lavuri forzati għal żmien tlett snin waqt li Emanuel Zammit għall-piena tal-lavuri forzati għal ħames snin.

Muscat u Zammit appellaw kontra d-dikjarazzjonijiet ta' ħtija.

Iż-żewġ appellanti ssottomettew "inter alia" li fl-indirizz ta' l-ewwel grad kien hemm "misdirection" jew interpretazzjoni ħażina fuq punt ta' liġi dwar il-piż tal-prova a karigu tad-difiża. Għalkemm il-Qorti taqbel mad-difiża li xi bran fl-indirizz meta jinqara' isolatament huwa insodisfaċenti, iżda mill-banda l-oħra fl-assjem tiegħu l-indirizz huwa ċar biżżejjed biex juri lill-ġurati li huwa dejjem dmir tal-Prosekuzzjoni li jipprova l-ħtija ta' l-akkużati "beyond reasonable doubt". L-akkużati għalhekk jibqgħu preżunti innoċenti sakemm il-Prosekuzzjoni tipprovahom ħatja skond l-akkużi. Iżda dan ma jfissirx li jekk l-akkużati iqanqlu xi difiża speċjali, bħal f'dal każ meta tqajmet id-difiża ta' l-alibi, l-akkużati m'għandhomx jipprovaw dak li qed isostnu iżda li għandhom jipprovawh biss "on a balance of probability".

L-appellanti ssottomettew ukoll li huma nstabu ħatja ħażin fuq il-fatti. Għalkemm l-appellant Zammit ta x-xhieda tiegħu, il-verdett juri (u skond il-Qorti kien verdett tajjeb) li l-ġurati aktar emmnu lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fosthom dawk in-nies li raw lit-tlett akkużati quddiem il-bieb tad-derubata u lil Moran ħiereġ mid-dar tagħha b'sorra f'idejh, lix-xhieda ta' P.C. Vella li ra lil Moran u Muscat fiż-Żurrieq u x-xhieda ta' Faustina Bartolo. L-appellant Zammit kellu dritt għas-silenzju tiegħu li minnu ħlief f'xi ċirkostanzi speċjali ma tinħoloq ebda riferenza ta' ħtija. Iżda meta l-ak-

kużat jagħżel li jagħmel xi dikjarazzjoni jew jagħti xhieda, il-ġurati huma intitolati jikkunsidraw xi kredenza jagħtu lil dak li jgħid, u, fil-kontest tiegħu, dak li jħalli barra. Jekk il-ġurati, mill-mod li xehed u min-natura u konsistenza ta' dak li qal, ma tawx kredenza lill-appellant, il-Qorti ma ssibhiex sorprendenti li, fil-kontest kollu tal-każ, waslu għall-konklużżjoni li hu kien qed jaħbilhom xi ħaġa u minn dan flimkien maċ-ċirkostanzi l-oħra jaslu fl-assjem kollu tal-provi, inkluża l-istess xhieda tal-appellant li tied jagħtiha minn rajh, għall-konklużżjoni li għaliha l-prosekuz-zjoni stiednithom biex jaslu.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet sew l-appell ta' l-imsemmi Daniel Muscat kemm dak ta' l-imsemmi Emanuel Zammit.

*Seduta tat-3 ta' Ġunju, 1974.*

**No. 8 Reġina vs Philip Zarb u Joseph Farrugia**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-18 ta' Settembru, 1972, l-imsemmijin Zarb u Farrugia flimkien ma' eħor ġew akkużati ta' serq u ta' tentattiv ta' serq rispettivament. Huma stqarrew il-ħtija tagħhom u l-Qorti lliberathom taħt il-kundizzjoni li ma jagħmlu l-ebda reat ieħor matul iż-żmien ta' tlett snin.

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tas-7 ta' Frar, 1974, l-istess Zarb u Farrugia, fuq ammissjoni tagħhom stess, instabu ħatja ta' serq ta' handbag li kien fih flus u oġġetti oħra li l-valur tagħhom huwa anqas minn għaxar liri naltin, liema serq huwa aggravat bil-ħin u barra minn dan illi kisru -kondizzjoni lilhom imposta skond l-Art. 9 ta' l-Att XII tal-1957.

Il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ordnat ukoll, għar-rigward tal-ksur tal-art. 9 ta' l-Att XII tal-1957, li huma jintbagħtu quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina biex tittratta magħhom fuq dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija.

Sussegwentement fit-3 ta' April, 1974, Zarb u Farrugia ġew ik-kundannati għall-piena tal-lavuri forzati għal żmien sittax-il xahar kull wieħed.

L-appell fuq l-aħħar sentenza kien limitat biss għall-piena in-flitta. L-appellanti ssottomettew illi l-fatt li ammettew il-ħtija tagħhom kien juri li ma kienux "hardened criminals" u għalhekk ma kienx imissha ġiet applikata piena daqshekk ħarxa talli kisru l-art. 9.

Il-Qorti sostniet li fil-fehma tagħha l-klemenza li l-ewwel Qorti kienet uriethom qabel ma tatx il-frott mixtieq u kien proprju ftit aktar minn sena wara li l-appellanti reġgħu kkommettew serq ieħor

aggravat. Barra minn hekk sostniet illi l-piena applikata hija kważi l-"minimum" applikabbli skond il-liġi billi teċċedih biss bi ftit jiem.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tat-28 ta' Ġunju, 1974.*

**No. 9 Reġina vs. John Louis magħruf bħala Louis Frendo**

L-imsemmi John Louis, magħruf bħala Louis Frendo, nstab ħati taħt l-ewwel kap talli kkorrompa l-minorenni Alfrieda Aquilina, taħt it-tieni kap talli biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor ħajjarha għall-prostituzzjoni jew eċċita l-korruzzjoni tagħha jew għen jew iffaċilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, taħt it-tielet kap talli xjentement għex għal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni tagħha, taħt il-ħames kap talli xjentement kellu għandu oġġetti (ħames contraceptives) li fuqhom ma kienx tħallas dazju, u mhux ħati taħt ir-raba' kap talli żamm lokal jew xi parti minnu li huwa ffrekwentat jew magħdud li huwa ffrekwentat għall-iskop tal-prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali. Wara dan, l-imsemmija Alfrieda Aquilina ddikjarat ir-remissjoni tagħha dwar l-ewwel kap b'mod li l-Qorti Kriminali ma pproċedietx oltre fuqu.

Fuq it-tieni u t-tielet kap li taħthom l-akkużat instab ħati, il-Qorti Kriminali, b'sentenza tat-12 ta' Marzu, 1974, kkundannatu għall-piena ta' lavuri forzati għal żmien sena, u fuq il-ħames kap għall-multa ta' £M25 pagabbli f'xahrejn. Dwar l-istess tlett kapi l-imsemmi Frendo appella u talab li titħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija u in subordine li ma tiġix applikata piena restrittiva tal-libertà personali.

Dawn huma l-fatti tal-każ: Alfrieda Aquilina ta' sittax-il sena xehdet li l-appellant kien għajjixha għal tlett ġimgħat fil-flat tiegħu, li hi kienet ħadet il-ħwejjeġ tagħha fil-flat u li hu kellu x'jaqsam magħha. Ressqilha wkoll xi rġiel li kellhom x'jaqsmu magħha, u irċeviet flus minn għandhom li hi għaddiet lill-appellant. Barra minn dan hu kien joħodha bil-karozza tiegħu Bormla u l-Gżira fejn kien ikollha x'taqsam ma' l-irġiel. Imbagħad kien jgħaddi għaliha u kienet ittieh il-flus li tkun irċeviet u żżomm xi ħaġa għaliha mingħajr ma tgħidlu.

L-appellant ċaħad fix-xhieda tiegħu li kellu x'jaqsam magħha, li ressqilha xi rġiel jew ressaqha lill-irġiel u li qatt ma rċieva xi flus minn għandha. Huwa qal li kien qabbad lill-Alfrieda Aquilina biex maddaflu s-Silver Horse Bar u darba ħaslitlu l-flat tiegħu f'tas-Sliema u kienet f'din l-okkażżjoni li hi ħadet xi ħwejjeġ

magħha biex tbiddel. Meta għamlu perkwiżizzjoni tal-flat, il-Pulizija elevaw il-ħwejjeġ ta' Alfrieda Aquilina u ħames contraceptives ta' l-appellant.

Fl-appell tiegħu, l-appellant iddikjara li instab ħati ħażin fuq il-fatti.

Il-Qorti ddikjarat li dak li trid tagħmel hu li tikkunsidra kollox u tara jekk il-ġurati kellhomx provi biżżejjed quddiemhom biex fuqhom setgħu raġonevolment jaslu għall-konklużżjoni li waslu għaliha fil-verdett tagħhom (Ara *Reġina vs. Alfred Muscat*, 20 ta' Awissu, 1968).

L-appellant beda biex issottometta li kontra tiegħu m'hemmx ħlief ix-xhieda ta' l-imsemmija Alfrieda Aquilina li l-kondotta tagħha m'hiex tali li tirrendiha kredibbli. Veru li hi m'hiex xi xempju ta' moriġeratezza imma, għalkemm dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni, ma jfissirx li wieħed għandu jiċħad "a priori" dak li tixhed. Kienu ħafna n-nies li ma kienux anġli mexjin fuq l-art iżda meta kien neċessarju qalu s-sewwa. Del resto, lanqas l-appellant stess ma jidher li hu ta' kostumi illibati.

M'hemm ebda formula maġika komprensiva li tindikalna l-kredibilità ta' xhud, iżda hemm ċerti kriterji prattiċi li jassistu lil min għandu jiġġudika. Dawn huma l-versomiljanza u il-konsistenza. Jekk nużaw dawn il-kriterji insibu li l-ġurati kienu ampjament ġustifikati li ma jemmnux it-teżi ta' l-akkużat.

Il-difiża ssottomettiet li ma nġieb ebda xhud li ra lill-Alfrieda Aquilina dieħla ma' l-appellant fil-flat jew flimkien miegħu. Kienet hi li xehdet li hu kellu x'jaqsam magħha u li ressqilha xi rġiel, waqt li hu sostna biss li hi marret taħsillu l-flat darba waħda. Importanti huma l-affarijiet li nstabu fil-flat ta' l-appellant, jiġifieri ħwejjeġ intimi ta' xebba, u mhux ħwejjeġ tal-ħasil, u l-appellant ma tax spjegazzjoni tajba ta' dawn. Infatti ma tantx hu presumibbli li xebba li tmur taħsel flat darba waħda tinsa dawn il-ħwejjeġ warajha u, iktar u iktar, li l-appellant lanqas biss qatt ta kashom. Għalhekk ix-xhieda ta' Alfrieda Aquilina hija aktar kredibbli. Barra minn dan, meta Frendo wieġeb għal mistoqsija li għamillu ġurat waqt li l-imputat kien qed jixhed minn rajh, huwa qal li hu kien jitlaq qabel Alfrieda Aquilina u jgħidilha biex meta tlesti tiġbed il-bieb u tiġi filgħaxija biex titħallas. It-temp imperfett li uża l-imputat juri ripetitività, jiġifieri li Aquilina kienet tmur għandu ta' sikwit. Inoltri fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija l-imputat kien qal li hu qatt ma ta contraceptives lil Aquilina u minn dawn ma kellux id-dar. Imbagħad bidel dak li kien qal u sostna li l-pilloli kienu bigħuhomlu xi suldati u ried iżommhom għall-użu per-

sonali tiegħu. Lanqas ma kien il-każ li kien qed igħix ma' Alfrieda Aquilina bħala miżżewġin. Huwa kien xehed li affarijiet bħal dawn (li jgħix ma' xebba) huwa ma jagħmilhomx. Huwa kien xehed ukoll li Alfrieda u missier Alfrieda stess kienu esiġew flus minn għandu biex jirrinunzjaw il-kwerela. Iżda mill-provi xejn minn dan ma jirriżulta.

Dwar it-tieni u t-tielet kapi, in vista ta' dak li ġa intqal, m'hemmx għalfejn wieħed jelabora iżjed.

Kwantu għall-ħames kap, intqal mid-difiża li m'hemm assolutament ebda ħjiel ta' prova li l-contraceptives ġew importati f'dawn il-Gżejjer. Jibqa' l-fatt, iżda, li l-istess artikoli esibiti għandhom marka Ngliża u għandhom miktub fuqhom li ġew immanifatturati f' Londra.

Id-difiża qed issostni li l-piena inflitta hija eċċessiva. Iżda l-Qorti hi tal-fehma li dan il-każ sordidu ma jimmeritax indulġenza.

Ghall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tal-15 ta' Lulju, 1974.*

**No. 10 Reġina vs Ġanni Buttigieg**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tas-6 ta' Diċembru, 1973 l-imsemmi Buttigieg ġie kkundannat għall-piena ta' lavuri forzati għal żmien sentejn u għas-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan għal tlett snin wara li nstab ħati t'offiża volontarja fuq il-persuna ta' natura gravi u ta' sewqan ta' motor bus b'mod perikoluż.

Il-fatti kienu dawn: l-appellant kien qed isuq motorbus u ħassu urtat bil-mod kif Alfred Zammit kien qiegħed isuq il-karozza privata tiegħu fl-istess direzzjoni, kif qabżu b'saħħtu u b'ħoss kbir u kif bi speċi ta' U-turn bruska mbarralu t-triq u, wara li kellu xi jgħid miegħu, gidimlu widintu u qatagħhielu barra b'mod li Zammit tilifha permanentement.

Buttigieg ibbaża l-appell tiegħu (1) fuq l-interpretazzjoni filfehma tiegħu skorretta ta' l-artiklu 241(c) tal-Kodiċi Kriminali; (2) li nstab ħati ħażin fuq il-fatti; u (3) li l-piena kienet eċċessiva.

Dwar l-interpretazzjoni ta' l-art. 241(c) il-Qorti qablet ma' l-interpretazzjoni ta' l-ewwel Qorti (li kienet skond il-ġurisprudenza) li l-paragrafu jirreferi biss għall-każ meta persuna tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja wara li tkun ġiet provokata, u mhux kif issottometta Buttigieg għall-każ ukoll meta lil wieħed jitilgħulu mingħajr ma jkun ġie pprovokat.

L-appellant minn dejjem sostna li kien ġie pprovokat u dan jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet tiegħu lill-Pulizija u fix-xhieda tiegħu

lill-ġurati. Imma anke jekk il-fatti kienu kifipprospettahom l-akkużat, xorta waħda l-interpretazzjoni ta' l-art. 241(c) kif mogħtija mill-Qorti ma kenitx tagħti raġun lill-akkużat.

Dwar il-piena inflitta, il-Qorti kienet tal-fehma li m'hijiex eċċessiva in vista kemm tal-gravità intrinsika tal-każ u kemm tal-fatt li mill-fedina penali tal-appellant (għalkemm fiha ma jidhrux xi reati speċjali) ġa jidher li l-appellant kien involut f'każijiet oħra ta' ġlied.

In kwantu għall-perjodu tas-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan ta' l-appellant, il-Qorti kienet tal-fehma li hu xieraq li jiġi ridott għal sittax-il xahar, biex meta l-appellant joħroġ mill-ħabs ikun jista' jsib xogħol u jibda jaħdem peress li xogħlu hu dak ta' driver.

Għall-motivi premessi l-Qorti pprovdiet billi rriduċiet il-perjodu tas-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan ta' l-appellant għal sittax-il xahar u għall-kumplament tiċħad l-appell.

*Seduta tal-15 ta' Lulju, 1974.*

**No. 11 Reġina vs Raphael Fenech sive Fenech de Fremaux**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-4 t'April, 1974, Raphael Fenech sive Fenech de Fremaux ġie misjub ħati ta' korruzzjoni kontinwata ta' minorenni, liema delitt sar bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta ta' tnax-il sena u sar minn axxendent mid-demm tal-persuna korrotta u b'abbuż tas-setgħa ta' missier. Huwa ġie kkundannat lavuri forzati għal żmien ta' tlett snin u għat-telfa ta' kull jedd li l-kwalità tiegħu ta' missier tagħtih fuq il-persuna u beni ta' bintu Dorothy Fenech.

L-appellant talab lill-Qorti illi l-imsemmija dikjarazzjoni ta' ħtija tiġi mneħħija għax hu ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti u li kien hemm irregolarità fil-proċeduri li kellha effett fuq il-verdett.

Il-fatti fil-qosor huma li meta l-appellant kien jieħu lil bintu Dorothy fl-abitazzjoni tiegħu hu kien jikkorrompiha u jheddidha biex ma titkellimx. L-appellant allega li t-teżi tad-difiża li martu kienet xhud inveritjera u kapaċi tasal biex tixhed il-falz kontra żewġha biex tivvendika ruħha minnu peress li kienu separati b' sentenza tal-Qorti, u allura setgħet faċilment tammaestra lil bintha b'mod tali li tasal biex tgħid dak li mhux minnu, ma ġietx imqegħda quddiem il-ġurati.

Il-Qorti tal-Appell ma qablitx ma' dan għax l-ewwel Onorabbli Qorti ma naqsitx milli tqiegħed din it-teżi quddiem il-ġurati, però naturalment u korrettament ħalliet il-kwistjoni għall-apprezzament tagħhom bħal kull kwistjoni ta' fatt.

L-appellant ilmenta wkoll li x-xhieda prodotti minnu ġew "som-

mati leġġerment" fl-indirizz u li l-Qorti ma wissitx lill-ġurati dwar il-possibilita li dak li qalet it-tifla jista anke jkun alluċinazzjoni jew suġġestjoni minn ħaddieħor. Il-Qorti ma qablitx ma' l-ewwel ilment u, rigward l-ilment l-ieħor, kuntrarjament għas-sistema Ingliża, fis-sistema tagħna, din mhiex strettament neċessarja b'mod li n-nuqqas tagħha jinvalida l-"conviction".

Rigward il-motiv l-ieħor ta' l-appell, li l-appellant instab ħati ħażin fuq il-fatti, il-Qorti ma qablitx għax it-tifla, anke jekk ma tistax tiġi eskluża ċerta kommunikazzjoni ma' l-omm, xehdet b' mod li jidher suffiċjentement konsistenti, ċirkostanzjat u preċiż għal tifla ta' l-eta tagħha u li l-ġurati sabu rassikuranti.

Għalhekk il-Qorti ma sabitx raġuni biex tirritjeni li l-ġurati ma kellhomx quddiemhom provi biżżejjed biex fuqhom setgħu raġonevolment jaslu għall-konklużżjoni li għaliha waslu.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tas-6 t'Awwissu, 1974.*

**No. 12 Reġina vs Paul Azzopardi**

Dan kien appell ta' Paul Azzopardi minn digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-23 t'April, 1974, li bih iddikjarat ammissibbli ċerti deposiżżjonijiet u dokumenti li tagħhom kienet ġiet minnha eċċepita l-inammissibilità fl-istadju opportun tal-kawża fl-ismijiet premessi fuq l-akkuża kontra tiegħu t'omiċidju volontarju ta' martu.

L-imsemmija Qorti rrilevat li l-provi in kwistjoni jista' jkollhom influwenza fuq il-mertu tal-kawża "salv dejjem l-apprezzament tal-ġurija fuq dawn il-fatti u l-kontroll tal-Qorti dwar ir-rilevanza ta' xi partijiet tad-deposiżżjonijiet li jingħataw matul il-proċess, kif ukoll id-direttivi tagħha fl-indirizz lill-ġurati jekk ikun il-każ".

Il-Qorti ta' l-Appell qalet illi *fil-fatt* l-appell kien jirrigwarda l-ammissibilità ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kommissjoni da parti ta' l-akkużat t'atti kriminali differenti minn dawk koperti mill-att tal-akkuża u partikolarment swat u maltrattament tal-mejta Caterina Azzopardi da parti ta' żewġha l-akkużat għal tul ġmielu ta' żmien.

In ġenerali, in kwantu l-provi kollha oġġezzjonati huma intiżi li juru l-allegat swat u trattament ħażin tal-mejta da parti ta' żewġha l-akkużat, dawn huma ammissibbli in kwantu jistgħu jinċidu fuq il-kwistjoni ta' l-intenzjoni akkompanjanti l-att inkriminat, jekk dan jirriżulta li kkommettih l-akkużat. Il-provi jistgħu wkoll iservu biex talvolta jirribattu possibbli difiża tal-akkużat. Anki bħala "evidence of motive" (avolja m'huwiex essenzjali li l-prosekuzzjoni tipprova motivi, naturalment bħala distint mill-intenzjoni) il-prose-

kuzzjoni m'hijiex prekluża milli, fejn ikun il-każ, fuq akkuża bħall-preżenti turi fost il-provi l-oħra "ill-treatment, previous assaults, personal violence, threats and ill-feeling towards the wife" (Wharton's "Criminal Evidence", 12th Edition, 1955, Vol. I, p. 344), li a p. 325 jirriferixxi wkoll għal "long ill-treatment by a husband of his wife". Din tidher ukoll il-prattika lokali.

Dan jingħad naturalment in ġenerali, in kwantu jista' jagħti l-każ li f'deposizzjoni li bħala prinċipju (fid-dawl tal-premess) tkun ammissibbli, ikun hemm dikjarazzjonijiet li jkunu għal kollox irrilevanti u t'effett preġudizzjali għall-akkużat li bil-bosta jegħleb il-valur evidenzjali tagħhom. Dan però għandu jitħalla għall-apprezzament għaqli tat-"trial judge".

Għall-dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi il-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tal-14 t'Awwissu, 1974.*

## No. 13 Reġina vs Carmelo Galea

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-1 ta' Diċembru, 1972, Carmelo Galea ġie misjub ħati t'omiċidju volontarju, u cioè, talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol bniedem jew li jqiegħed ħajtu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt, iżda skużabbli minħabba provokazzjoni għax aġixxa taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja li minħabba fiha ma setax iqis il-konsegwenzi ta' l-għemil tiegħu. B'vot unanimu tal-ġurati hu ġie rakkomandat għall-klemenza tal-Qorti minħabba ċirkostanzi sfortunati li ġraw qabel il-mewt tal-vittma u li (l-ġurati aġġunġew minħabba ċerti riflessi tad-difiża) ma ġrawx minħabba negliġenza medika. Huwa ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien għaxar snin.

L-appellant talab illi l-imsemmi verdett tal-ġurati jiġi mwarrab in kwantu bih ġie misjub ħati t'omiċidju volontarju skużabbli, u minflok, jiġi misjub illi l-fatti kellhom iwasslu għad-delitt t'offiża gravi volontarja segwita mill-mewt li ġiet minħabba kawża aċċidentali sopraġġunta kif provdut fl-artiklu 234(2) tal-Kodiċi Kriminali, illi tiġi konfermata l-provokazzjoni bħala skużanti għat-tenur tal-artiklu 214(c) u illi tiġi applikata dik il-piena minuri li titqies xierqa.

Il-fatti fil-qosor kienu li baħri Bermjan bl-isem ta' Khin Malling Mint mar fil-ħanut ta' l-appellant fejn inqalet tilwima li fiha l-baħri Bermjan u sieħbu tefgħu ħafna fliexken, laqtu lill-appellant u għamlu ħsara mhux żgħira fil-ħanut. L-appellant allura ġera wara l-imsemmi Mint b'sikkina f'idu lejn il-bieb tat-Tarzna u tah daqqa biha f'ġenbu. Huwa kien fil-periklu tal-mewt, iżda wara operazzjoni delikata, il-kondizzjoni tiegħu wara xi ġranet tjiebet, iżda

mbagħad deherhu xi sintomi li kienu indikattivi ta' polmonite u, għalkemm saritlu l-kura meħtieġa, huwa miet. Skond ir-rapport ta' l-esperti mediċi, Mint miet b'setticemija minn axxess retrokoliku kawżat minn ferita t'arma ppuntata fuq il-ġenb. Il-kura li rċieva kienet xorta idonea. Huwa miet b'konsegwenza naturali tal-ferita li ġarrab, assolutament bla ma nterveniet ebda negliġenza medika.

L-appellant issottometta li mix-xhieda ta' l-esperti mediċi kienet tidher ċara l-possibilità, li f'ċertu mument dehret li kienet anki probabilità, ta' kawżi intervenjenti li setgħu kkontribwew għall-mewt ta' Mint, u li l-ġurati ġew indotti, fl-indirizz ta' l-Imħallef, biex jaċċettaw bħala ċertezza illi l-mewt ġrat unikament bħala effett tal-ferita u tal-effetti tagħha meta kollox juri li ma kienx hemm din iċ-ċertezza morali. Fit-tieni lok l-appellant ilmenta li ġiet mogħtija interpretazzjoni skorretta tal-liġi in kwantu li l-konkawża f'omiċidju volontarju ma tiġix kunsidrata bħala figura legali, possibbli għaliex fis-sistema legali tagħna malli jkun hemm il-presenza konċettwali tal-konkawża allura jonqos l-element materjali taddelitt t'omiċidju volontarju u jidħlu figuri oħrajn.

Fit-tielet lok l-appellant ilmenta li l-element intenzjonali meħtieġ għad-delitt li tiegħu nstab ħati ma rriżultax u għalhekk id-deċiżżjoni f'dan ir-rigward ma kenitx, fil-fehma tiegħu, ġusta.

Fir-raba' lok l-appellant ilmenta mill-piena.

L-appellant tenna li, fil-fehma tiegħu, ma kenitx il-ferita inflitta li kkaġunat il-mewt tal-vittma għax magħha kkonkorrew konkawżi oħra u allura fi kwalunkwe każ ma jistax jingħad li kien l-appellant li kkaġuna l-mewt tal-vittma. Il-Qorti sostniet li fis-sistema tal-liġi tagħna l-konkawża hi biss kontemplata mill-leġiżlatura fl-art. 233 bħala li tnaqqas minn grad sa tnejn il-piena altrimenti prevista għall-offiżi volontarji ta' natura gravi imsemmija fl-artikolu 230 u 232; u fl-artikolu 234(a), bħala li għall-offiża gravi volontarja segwita mill-mewt (meta tinkorri l-konkawża) tattira l-piena tal-lavori forzati jew priġunerija għal żmien minn tlett snin sa disa' snin. Dan m'huwiex każ fejn tista' tingħibed xi analoġija.

Il-Qorti qalet li dan ma jġibx, però, kif ippretenda l-appellant, li fis-sistema tal-liġi tagħna "jekk hemm konkawża allura m'hemmx omiċidju volontarju" fis-sens li kawżi aċċidentali sopraġġunti li jikkonkorru biex jipproduċu l-event letali għandhom jiġu kkunsidrati "bħala li jneħħu għal kollox il-figura ġuridika tal-omiċidju u jgħinu r-riżultat li tidħol floku l-figura minuri t'offiża gravi segwita mill-mewt."

Fejn l-aġent bl-intenzjoni li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, iferiha u din bħala riżultat tmut, iżda dan l-event ikun parzjalment dovut, barra milli għall-fatt ta' l-aġent, anki għall-konkors tal-konkawża, intiża naturalment fis-

sens ġuridiku, din ma tistax titqies bħala minoranti tad-delitt ta' omiċidju volontarju għax ma ġietx hekk prevista mill-liġi, u l-figura t'omiċidju volontarju tissusisti, avolja l-mewt kienet parzjalment dovuta, barra milli għall-fatt ta' l-aġent, anki għal dik il-konkawża. Il-ġurati skartaw l-ipotesi minoranti tal-konkawża u sabu li l-mewt ġiet kaġunata mill-fatt tal-appellant. Il-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-esperti mediċi kienu u baqgħu dejjem ċerti fil-konklużżjoni tagħhom li l-imsemmi axxess li ġieb is-settiċemija kien il-konsegwenza naturali tal-ferita bl-arma, waslet għall-konklużżjoni li fil-każ preżenti l-ġurati kellhom biżżejjed provi biex jaslu għad-deċiżżjoni li l-fatt ta' l-appellant ikkaġuna l-mewt.

Dwar li l-appellant ilmenta li l-intenzjoni speċifika meħtieġa mill-liġi, għall-omiċidju volontarju ma kenitx ippruvata, il-Qorti tal-Appell sostniet li fil-kompless ma jistax jingħad li l-ġurati ma kellhomx biżżejjed provi biex fuqhom setgħu raġonevolment jaslu għall-konklużżjoni li għaliha waslu: il-kwalità ta' l-arma adoperata, il-parti tal-ġisem fejn ingħatat id-daqqa u, għad li waħda, il-profondità tagħha, kif ukoll il-ħsara mhux żgħira sofferta mill-appellant fil-ħanut tiegħu (li kien ġdid) u d-daqqa ta' flixkun, huma kollha fatti indikattivi.

Kwantu għall-piena, il-Qorti verament tħoss li, meta titqies il-gravità tad-delitt, sia pure in relazzjoni mal-provokazzjoni sofferta, u anke tqis li l-piena inflitta tinkorpora wkoll, in applikazzjoni tal-art. 10 tal-Att XII tal-1957, dik għad-delitt ta' riċettazzjoni li tiegħu l-appellant kien ġie preċedentement misjub ħati u liberat taħt kondizzjoni li bil-preżenti delitt kiser, ma jistax jingħad li l-piena inflitta hija irraġonevoli.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tal-14 t'Awissu, 1974.*

**No. 14 Reġina vs Francis sive Frank Grech, Joseph Scicluna, Constance Curtis**

B'sentenza tat-23 ta' Lulju, 1974, l-imsemmijin Joseph Scicluna u Curtis ġew akkużati ta' serq kontinwat, kwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok, t'oġġetti li jiswew aktar minn ħames mitt lira u l-imsemmi Grech ġie akkużat ta' komplicità fl-istess serq billi xewwex lill-awturi u saħħilhom il-volontà tagħhom biex jagħmlu l-imsemmi serq u wegħdhom li wara l-fatt jassistihom.

Fil-kors tal-ġuri wara li l-prosekuzzjoni rriduċiet il-valur ta' l-oġġetti misruqa u otteniet il-korrezzjoni fl-att t'akkuża, Scicluna u Curtis ammettew il-ħtija tagħhom. Wara li t-tlett akkużati kienu unanimament misjuba ħatja, il-Qorti kkundannat lil Scicluna u Curtis għall-piena tal-lavori forzati għal żmien sena, disa' xhur u ħmistax-

il ġurnata u lil Grech għall-piena tal-lavori forzati għal żmien sentejn. It-tlett akkużati appellaw lill-Qorti tal-Appell, Scicluna u Curtis limitatament għall-piena u Grech sew mill-piena kemm middikjarazzjoni ta' ħtija. Il-fatti fil-qosor huma illi t-tlett akkużati kienu ftehmu f'Londra li jisirqu xi deheb minn knejjes t'Għawdex; dan is-serq sar minn Scicluna u Curtis, li kienu qed joqogħodu f' appartament li silfilhom Grech. Grech issottometta li ma kienx hemm provi biżżejjed biex fuqhom il-ġurati setgħu raġonevolment jaslu ghall-verdett ta' komplicità.

Il-Qorti sostniet illi għalkemm huwa veru li Grech ma kienx ma' Scicluna u Curtis fl-ebda ħin tas-serq, meta jitqies il-ftehim ta' Londra li jmorru Għawdex u jisirqu d-deheb mill-knejjes konġuntament mal-fatt li wara marru flimkien Għawdex, u l-istess Grech silef lill-ko-akkużati l-oħra l-imsemmi flat, il-Qorti ma dehrilhiex li dan l-aggravju kien fondat.

Kwantu għall-piena, ġew rilevati l-preċedenti kondotta tajba tal-appellanti, il-fatt li r-refurtiva nstabet, il-fatt li Scicluna u Curtis għamlu żmien il-ħabs "awaiting trial", li Curtis marret tgħix ma' Scicluna għax keċċiha r-raġel u li dan issa kien lest li jerġa' jilqagħha f'daru, u affarijiet oħra.

Il-Qorti dehrilha li r-reat fih innifsu hu ikrah għax kien ippreparat, tramat u prekonċertat minn nies li ġew apposta minn Londra biex jagħmluh u għax, min-natura tagħha stess, knisja ma tistax tagħlaq il-bibien kontra l-ħallelin.

Għall-motivi premessi l-Qorti ċaħdet l-appell ta' kull wieħed u waħda mill-appellanti Grech, Scicluna u Curtis.

*Seduta tat-18 ta' Settembru, 1974.*

**No. 15 Reġina vs Philip Ablett**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-12 ta' Settembru, l-imsemmi Ablett, fuq l-ammissjoni tiegħu, ġie kkundannat għall-piena tal-lavori forzati għal żmien seba' xhur għad-delitt ta' serq ta' flus u oġġetti li flimkien għandhom il-valur t'iżjed minn £M50 u inqas minn £M500, kwalifikat bil-mezz, valur u ħin u għal £M20 bħala parti mill-ispejjeż tal-perizja.

Il-Qorti kkunsidrat ir-rikors ta' l-appell ta' Ablett limitatament għall-piena u r-risposta oppożitorja ta' l-Avukat Ġenerali tal-Kuruna. L-aggravju avvanzat fl-appell hu li fiż-żmien meta kkommetta r-reat, l-appellant kellu għoxrin sena biss, għandu tarbija ta' sena u nofs, fiż-żmien ir-reat hu ma kienx qed jaħdem waqt li issa qiegħed jaħdem, u għandu kondotta tajba. Għalhekk ordni ta' "probation" kienet tkun iżjed xierqa.

Iċ-ċirkostanzi tad-delitt ta' serq aggravat huma li bil-lejl ġie

sgassat ħanut il-Furjana u minn hemm ittieħdu b'kollox £M85.81,0. Irriżulta li l-ħġieġa tal-gallerija tal-ħanut kienet ġiet miksura għall-finijiet tal-entrata. L-ebda parti mir-refurtiva ma nstabet jew ġiet restitwita lil sid il-ħanut. Bħala regola l-Qorti tal-Appell ma tid-disturbax bla raġunijiet qawwija d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maestà Tagħha r-Reġina dwar il-piena, speċjalment meta jirriżulta, kif f' dan il-każ irriżulta, li l-Imħallef ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tad-delitt u tal-persuna ħatja.

Għalkemm id-difensur għamel appell abili għas-sostituzzjoni tas-sentenza b'ordni ta' probation, b'dana kollu, wara li qieset bir-reqqa ċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment dik tal-iskalata tal-gallerija u ta' l-isgass ta' ħanut, il-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tat-18 ta' Novembru, 1974.*

**No. 16 Reġina vs Emanuel Ellul**

B'sentenza tad-29 ta' Lulju, 1974, Emanuel Ellul kien misjub ħati li flimkien ma' persuna oħra seraq oġġetti li jiswew aktar minn għaxar liri u mhux aktar minn ħamsin lira, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-ħin. Ellul kien ammetta l-ħtija u ġie kkundannat għall-piena tal-lavori forzati għal żmien għaxar xhur u għaxart ijiem.

Il-ko-akkużat li kien ġie kkundannat għall-piena tal-lavori forzati għal żmien seba' xhur u għoxrin ġurnata qagħad għall-imsemmija sentenza, iżda Ellul appella għall-piena li ngħatatlu. Hu ssottometta li din hi l-ewwel "conviction" tiegħu għall-serq u li kellu jingħata każ tal-valur tal-oġġetti misruqa.

Kuntrarjament għal dak li qal l-appellant, il-Qorti ma dehrilhiex li f'dan il-każ il-valur kien insinjifikanti. Skond il-Qorti, dak li kien determinanti għall-finijiet ta' dan l-appell kien pjuttost it-tendenza antisoċjali li fiha, minkejja ċ-chances li ngħatawlu, l-appellant baqa' jippersisti.

Hu veru li din kienet l-ewwel darba li weħel fuq serqa iżda m' hiex l-ewwel darba li nġieb quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali.

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi ma ratx raġuni għax għandha takkolji l-appell u ma dehrilhiex li "probation order" kien fil-każ partikolari l-aktar miżura adegwata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti ċaħdet l-appell.

*Seduta tat-22 ta' Novembru, 1974.*

**No. 17 Reġina vs John Gatt**

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tad-

29 ta' Marzu, 1973, l-imsemmi Gatt ġie kkundannat għall-lavori forzati għal żmien tmien snin talli nstab ħati ta' serq kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-valur ta' somma ta' flus li teċċedi ħames mitt lira.

Il-każ kien ta' raid ippjanat fuq Bank l-Imġarr, li fih wieħed mill-kaxxiera tilef ħajtu billi rċeva tir t'arma tan-nar, u nsterqu £M2593. L-appellant ammetta li ħa parti fis-serq u li saq il-karozza misruqa li fiha sar ir-raid u li wara ġiet maħruqa, iżda ċaħad parteċipazzjoni fl-omiċidju.

